MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Talba Numru. 460/2009

***Ute Hung***

***vs***
***Paul Muscat***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha hamsin Ewro (€50) bhala danni kkagunati mill-konvenut wara li jigi ddikjarat li l-konvenut kien responsabblii ghad-danni li ghamel l-istess konvenut fin-“*net*” li twahhal mill-attrici.

Bl-ispejjez u l-imghax legali.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi mhux responsabbli ghad-danni allegatament kkawzati fin-‘*net*’.

Il-konvenut eccepixa ukoll illi d-dokumenti esebiti ghandhom jigu sflizati peress li ma sarux skond il-Ligi.

Salv eccezzjonjiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra d-dikjarazzjoni tal-attrici li tispjega li hi u l-konvenut kienu girien, pero' l-problemi bejniethom, kien imorru lura ghal hafna snin. In partikolari, l-konvenut, kien ripetutament jonxor il-hasil tieghu fit-tarf tal-hajt li kien hemm in komun bejniethom. Minkejja li kienet wissiethu biex ma jibqax jonxor hemm, xorta wahda injoraha.

Kien joqoghod ihares 'l isfel ghal gol-gnien u terrazzin taghhom, b'mod indiskret.

Kien wahhal "*net*" hadra mal-hajt tieghu, izda din inqatghet. Kienu wahhlu "*net*" huma man-naha taghhom tal-hajt komun, izda meta kienet qed titpogga, l-konvenut kien mar jaghmel ghall-haddiema.

Sakemm kienet imsiefra u rritornat lura Malta sabet li l-konvenut kien qaccat din in-"*net*" u kien waddab il-habel li bih jintrabat dan in-'*net*', in-naha tal-hajt taghhom u dan gara darbtejn u kull darba kellhom igibu nies biex jergghu iwahhlu din in-"*net*" u ghalhekk qed titlob dan il-hlas minghand il-konvenut.

Ra x-xhieda tal-konvenut, li jinnega li kien mess in-"net" li kienet wahhlet l-attrici. Jispjega li kien wahhal in-"*net*" tieghu qabel u peress li kien hemm ix-xibka tal-attrici, kien wahhal injam biex jimbotta lura n-"*net*" tal-attrici u jzomm lin-"*net*" tieghu milli jistrieh fuqha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

**B**l-ewwel eccezzjoni, l-konvenut eccepixxa illi ma kienx responsabbli ghad-danni li soffriet l-attrici.

L-attrici tispjega li kienu ilhom bid-dizgwid bejniethom u fl-ahhar qabel ma fethet dina l-kawza, l-konvenut kien qaccat dan in-"*net*" u dan kien gara darbtejn u ta' kull darba kien ikollha igib xi nies biex jergghu jwahhlu din in-"*net*."

L-attrici esebit diversi ritratti sabiex turi l-fatti kif jindikaw li kien hemm zewg "*nets*," il-hadra tal-konvenut l-bajda taghha. Jirrizulta car mir-ritratti li kien hemm xi injam li kienu qed izommu lin-"*nets*" milli jmissu ma' xulxin.

L-istess ritratti pero' ma jindikawx li kien hemm in-"*net*" maqlugha.

L-attrici esebit zewg rcevuti biex tikkonferma li kellha ggib persuna sabiex din twahhlilha n-"*net*" mill-gdid, pero' fl-ebda stadju tal-provi ma ressqet lil dan l-persuna sabiex jikkonferma li kien ghamel dan ix-xoghol u fl-istess waqt jikkonferma l-ircevuti li hareg ghal dawn ix-xogholijiet, li *per se* lanqas jikkwalifikaw bhala rcevuti. Dan kien ikun xhud importanti biex jikkonferma x'kien effettivament qed jigri bejn l-attrici u l-konvenut.

It-Tribunal pero' jhoss li r-relazzjonjiet ma kienux mill-ahjar u kienu ilhom ghaddejjin ghal zmien, pero' l-attrici ma rnexxielix tipprova anki meta gew kommessi dawn id-danni, hlief li tinsisti li graw meta kienet imsiefra u ghalhekk huawa difficli biex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------